MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru 402/2001

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
VS
DAVID GATT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Gatt, ta’ 24 sena, iben Alfred u Rita nee’ Azzopardi, imwieled Mtarfa nhar is-17 ta’ Frar 1977, residenti “Mayfair”, Flat 3 Triq il-Pijunieri Bugibba u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 153677(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar it-21 ta’ April 2000 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg misruqa

gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.
Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, David Gatt, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 334, 49, 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti akkordat din il-piena in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat wara li hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tieghu u t-tul li hadu dawn il-proceduri quddiem il-Qorti kif diversament preceduta.

Di piu’, l-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services jew lil Probation Officer iehor minnu nominat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------